**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 16 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru. 95/14**

**George Cutajar**

**-vs-**

**Awtorita` tat-Trasport**
**f'Malta (Transport Malta)**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikorsipprezentat minn **George Cutajar** fis-17 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' decizjoni tal-Awtorita` intimata li permezz taghha irrifjutat li ggeddidlu l-permess ta' xufier (tag) peress li ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni tajba u kondotta tajba ai fini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur;

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** ipprezentata fil-11 ta' Novembru 2014 li permezz taghha eccepiet li d-decizjoni appellata

hija wahda gusta, ragjonevoli u legali u konsgwentement timmerita konferma.

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[1] u ta' Sylvana Bartolo;[2]

Ra l-verbal tat-12 ta' April 2016 fejn id-difensur tal-Awtorita` intimata iddikjarat li nel frattemp ir-rikorrent gie moghti l-permess ta' xufier;

Ra l-verbal tal-21 ta' Lulju 2016 fejn id-difensur ta' l-Awtorita` intimata iddikjarat li l-Awtorita` intimata qieghdha tinsisti li tithallas l-ispejjez;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 18 ta' Settembru 2014 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:

*"L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta taghmel riferenza ghar-rapprezentazzjonijiet mibghuta minnek, iddecidiet illi tirrifjuta l-applikazzjoni tieghek ghal tigdid ta' permess ta' xufier skont ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 191 tal-2002, kif emendat) u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:*

- *Kellek ghaxart ijiem sabiex tressaq dawn ir-rapprezentazzjonijiet minn meta tircievi n-notifika.*

*Ghaldaqstant, in-notifika waslet ghandek fil-5 ta' Settembru 2014 u int kellek sal-15 ta' Settembru sabiex taghmel dan. B'dispjacir nghidlek illi peress li inti inqast milli taghmel dan fiz-zmien stipulat, l-Awtorita` qed tirrifjuta l-applikazzjoni tieghek"*

[1] A fol. 33 sa 35
[2] A fol. 47 sa fol. 48

It-Tribunal ra s-sentenza esebita bhala Dok C mar-rikors promutur minn fejn jirrizulta illi fit-18 ta' Gunju 2013 ir-rikorrent gie misjub hati li pparkja vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBV 143 f'*emergency lane* u ta' dan gie ikkundannat ghall-hlas ta' sebghin ewro (€70) ammenda.

Illi in vista ta' din is-sentenza l-Awtorita` intimata ma gedditx il-permess ta' xufier lir-rikorrent stante li ai termini tar-Regolament 130A (3) *"L-imsemmija*
*tag tinhareg biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li -*
*(a) ikollu l-licenza tas-sewqan adatta,*
*(b) fil-fehma tal-Awtorità jkollu kondotta tajba,*
*(c) jattendi b'mod regolari kors ta' taghlim approvat mill-Awtorità u jghaddi mill-ezami fi tmiem l-imsemmi kors"*

Illi mbaghad Regolament 130A (4) (b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 jispjega illi *"Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk....tkun instabet hatja, matul l-ahhar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali."*

Illi r-reat addebitat lir-rikorrent, u cioe` ipparkjat ta' vettura f'*emergency lane* kjarament imur kontra r-regolamenti li ghandhom x'jaqsmu mat-traffiku.[3] Kwindi certament l-Awtorita` kellha kull dritt li tirrifjuta t-tigdid tal-licenza.

Madankollu dan it-Tribunal ma jistghax ma jinnotax il-mod xejn logiku kif giet espressa d-decizjoni tal-Awtorita` intimata. Din tibda biex tghid li l-Awtorita` intimata ghamlet referenza ghar-rapprezentazzjonijiet mibghuta mir-rikorrent, wara liema irrifjutat l-applikazzjoni ghat-tigdid. Ezatt fis-sentenza ta' wara r-raguni li nghatat ghala kien qed jigi rifjutat it-tigdid kien li r-rikorrent ma ressaqx rapprezentazzjonijiet! Anke jekk semmai wiehed kellu jikkoncedi li r-rikorrent ma ressaqx rapprezentazzjonijiet, ir-raguni li wiehed ma jibghatx l-istess rapprezentazzjonijiet lill-Awtorita`

[3] Ara t-Tieni Skeda tal-Ordinanza Dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku fejn fl-Ewwel Kolonna taghha hemm elenkat ir-reat ta' "Ostakolu"

intimata ma ghandhiex tkun ir-raguni ghala huwa jkun qed jigi mcahhad mit-tigdid tal-licenzja. Ir-ragunijiet ghan-nuqqas ta' tigdid ta' licenzja ta' xufier huma elenkati b'mod mill-iktar car fil-Legislazzjoni Sussidjarja fuq imsemmija u certament il-fatt tan-nuqqas ta' rapprezentazzjonijiet mhuwiex raguni valida ghaliex jigi michud tali tigdid.

Ghaldaqstant in vista tad-difett serju kontenti l-ittra ta' rifjut it-Tribunal qieghed ihassar u jirrevoka l-istess decizjoni.

Illi ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez, ghalkemm it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` kellha ragun li ma ggeddidx il-licenzja ta' xufier, min-naha l-ohra ir-rifjut taghha huwa wiehed irritwali u ghaldaqstant dan se jigi rifless fil-kaz tal-ispejjez.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq esposti qieghdha tilqa' l-appell tar-rikorrenti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**